MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## JOSETTE DEMICOLI

Seduta tat-30 ta' Settembru, 2014

Numru. 1095/2013

**Il-Pulizija**

**(Spettur Sarah Magri)**

**Vs**

**Nigel Spiteri**

Magistrat Dr Josette Demicoli

30 ta' Settembru 2014

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Nigel Spiteri ta' 30 sena, iben Anthony Spiteri u Rita Spiteri nee' Cacciatolo, imwieled Pieta' nhar il-14 ta' Jannar 1983, residenti gewwa Blokk Y5, Flat 1, Triq id-Deheb Fin, Qormi, u detentur tal-karta ta' l-identita' 72183M talli:

Bejn nhar il-20 ta' Ottubru 2013 u 21 ta' Ottubru 2013 gewwa Triq San Girgor, Pieta', volontarjament hassart, ghamilt hsara jew gharraqt hwejjeg mobbli ta' Darren Grech detentur tal-karta ta' l-identita' 434187M u cioe' vettura ta' l-ghamla Nissan bin-numru ta' registrazzjoni JBP 919, liema hsara tammonta ghal 880Euros lid an l-ammont huwa aktar minn Euros 116.47 izda anqas minn Euros 1164.67 (Art. 325 Kap 9);

U akkuzat talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, ksirt volontarjament il-bon-ordni jew il-kwiet tal-pubbliku u dan bi ksur ta' artikolu 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi bl-imgieba tieghu kkaguna lil haddiehor u cioe' lil Darren Grech u l-familjari tieghu, biza' li se tintuza' vjolenza kontrihom jew kontra l-proprjeta' taghhom;

U akkuzat talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi kiser il-provedimenti ta' l-artikolu 22 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta

b'sentenza moghtija minn Magistrat Dr S. Demicoli LL.D datata 4 ta' Ottubru 2012;

Il-Qorti hija mitluba tohrog ordni ta' protezzjoni ai termini ta' l-artikolu 412C fejn tipprojbixxi lill-imputat milli javvicina lil Darren Grech lill-membri tal-familja tieghu u lil Kelly Mifsud, ir-residenza taghhom kif ukoll il-post li tali persuni jiffrekwentaw.

Rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti.

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali biex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputat ma kellux oggezjoni li l-kaz jigi hekk trattat.

Rat li waqt l-udjenza mizmuma llum minn din il-Qorti l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u kkonferma din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti tatu zmien jikkunsidra l-posizzjoni tieghu.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u ghalhekk dawn huma sodisfacentement ippruvata.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reat li taghhom qieghed jinstab hati l-imputat, ic-cirkostanzi tal-kaz, il-fedina penali tieghu u l-fatt li huwa hallas id-danni kollha sofferti mill-parte leza seduta stante. Huwa ghalhekk li l-qorti tqis li m'ghandhix titratta mal-imputat b'referenza ghar-raba' akkuza ghaliex l-imputat irrealizza li zbalja u ghandu jinghata l-opportunita' li jkompli jirriforma ruhu. U oltre' dan li piena karcerarja lanqas hija wahda idonea ghall-kaz odjern.

Illi gie dikjarat seduta stante li m'ghadx hemm il-htiega ghal hrug ta' ordni ta' protezzjoni u ghalhekk il-qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta' tali talba.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti, wara li rat l-artikoli 325(1)(b), 338(dd), 251B u 17 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, kif ukoll l-artikolu 23(1)(a) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u b'applikazzjoni tal-artikolu 7 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta tpoggih taht ordni ta' probation bil-kundizzjonijiet elenkati fl-ordni moghti kontestwalment ghal perjodu ta' sena (1) millum.

Il-Qorti wissiet lill-hati bil-konsegwenzi skont il-ligi jekk jikkommetti reat iehor fi zmien sena jew jekk ma joqghodx ghall-ordnijiet lilu moghtija.

Il-Qorti qeghda tordna notifika ta' din is-sentenza lid-Direttur tal-Ufficju tal-Probation.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------